MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 2581/1997/1

**Carmelo sive Charles Ciantar,**
**Grezzju Ciantar u Carmela mart Michael Cutajar**

**vs**

**Joseph Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma l-inkwilini u l-pussessuri tar-raba maghruf bhala "Tas-Santi" fil-limiti tar-Rabat u liema raba jinhadem minnhom; illi ricentement il-konvenut, bil-vjolenza u bil-mohbi, qabad u ghamel xatba fl-entratura li taghti ghal dan ir-raba u b'hekk nezzgha lill-atturi mill-pussess jew mid-detenzjoni tal-istess raba; u illi b'hekk il-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront tal-atturi u li l-istess atturi saru jafu bih fl-14 ta' Settembru 1997; talbu ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. Tiddikjara illi l-konvenut kkommetta spoll fil-konfront tal-atturi billi bil-vjolenza u bil-mohbi qabad u ghamel xatba fl-entratura li taghti ghar-raba maghruf bhala "Tas-Santi" li hu fil-pussess tal-atturi; u 2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit dan jerga' jqieghed l-entratura tal-istess raba fl-istat li kienet qabel ma gie kommess l-ispoll; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Settembru, 1997 kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, konfermata bil-gurament mill-attur Charles Ciantar, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok, f'kaz illi l-atturi qeghdin jirreferu ghall-formazzjoni ta' grada fil-passagg imsemmi, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Kodici Civili, in kwantu tali grada (li hadet il-post ta' xatba ohra li kien hemm minn qabel) twahhlet aktar minn erba' snin ilu;
2. Illi riferibbilment ghall-estenzjoni tal-wisa' tal-imsemmija grada li saret fuq ordni tal-eccipjenti, l-istess eccipjenti ma ikkommetta assolutament ebda spoll ta' ebda tip fil-konfront tal-atturi, kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sitta (6) ta' Gunju, 2000 illi permezz taghha l-Qorti, filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici b'dan li: 1. iddikjarat li l-konvenut ikkommetta spoll fil-konfront tal-atturi billi bil-vjolenza u bil-mohbi qabad u ghamel xatba fl-entratura li taghti ghar-raba' maghruf bhala "Tas-Santi" li hu fil-pussess tal-atturi; 2. u ikkundannat lill-konvenut sabiex fi zmien tletin (30) gurnata mid-data tas-sentenza, bhala terminu qasir u perentorju stabilit, jirripristina kif kienet qabel l-entratura tal-istess raba', b'mod li tigi fl-istat li kienet qabel ma gie kommess l-ispoll, u dan billi titnehha l-grada li tpoggiet minnu f'Settembru 1997, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 25 ta' Settembru, 1997 kontra l-konvenut, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"**A. <u>PRINCIPJI LEGALI</u>**

"Illi l-principji bazilari ta' l-azzjoni ta' spoll gew ikkonfermati diversi drabi fis-sentenzi nostrali, bbazati fuq l-**Artikolu 534 tal-kap 16 u l-Artikolu 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, u huma bbazati fuq it-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* u cioè:

(i) *possedesse*
(ii) *spoliatum fuisse*
(iii) *infra bimestre deduxisse*.

"Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-gurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument tal-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjetà jew servitù, izda anke *purament materjali jew di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine** - App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) "L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest" (**Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna** - P.A.H.H. 21 TA' Frar 1983), però "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll*" (Vol. XXXVII, P. II, pg. 642); b'dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**Camilleri vs Giglio** - Vol X - p. 55, 56)."

"In effetti fis-sentenza "**Marthese Borg vs Gorg Borg**" (P.A. - 25.2.1993) inghad li:

"*L-univocità ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess*."

"Dawn il-principji gew ribaditi fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet "**Emanuel sive Leli Sammut vs John Sammut**" (Citazzjoni Numru 585/93GV) tad-19 ta' April 1999 fejn l-istess Qorti tal-Appell sostniet li:

"*L-attur allura kellu qabel xejn jipprova l-element tal-pussess. Kellu jipprova b' mod konklussiv li kellu 'un possesso di fatto' u mhux pussess bazat fuq xi mera tolleranza li ma tkunx bizzejjed biex isservi ta' fondament ghall-akkwist tal-pussess mehtieg bhala bazi ta' din l-azzjoni*." (**Ann Wismayer vs Rinaldo Wismayer Agius** - P.A. 5 ta' Ottubru 1992)."

"(c) Illi a bazi tal-**Artikolu 791(3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll*."

"Hekk il-kawza "**Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et**" (P.A. FGC - Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998 gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabilixxi (a) <u>il-fatt</u> ta' pussess/detenzjoni u (b) <u>il-fatt</u> ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f'ebda*

*legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x'jghidu u x'ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huwa ghal kollox irrelevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*." (**Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone** - Appell 9.3.1992). Tal-istess portata hija s-sentenza "**Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar**" (Citazzjoni numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-Artikolu 791(1) tal-Kap 12 li sfortunatament **jigi hafna drabi injorat**."

"(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun *arbitrarju* u *kontra l-volontà* tal-pussessur b'mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**Joseph Scerri vs Spiridione Falzon** - P.A. A.M. 24.1.1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** - P.A. JSP 30.4.1991)."

"(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**Margherita Fenech vs Paolo Zammit** - P.A. 12.4.1958, Vol XLLI. Pg. 973; **Carmelo Sacco vs Paul Sacco** - Appell 23.1.1998)."

"f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza "**Alfred Pisani et vs Victor Farrugia**" (P.A. FGC - 21 ta' Jannar 1994)."

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b'din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b'din l-azzjoni kontra ko-pussessur iehor u jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll*

*ghandha l-iskop li tipprotegi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv*."

"(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir "*fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv*", b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza "**Norman Vassallo vs Filomena Esposito**" (Appell - 18 ta' Gunju 1993) inghad li "*meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccipjenti ghaliex skond l-**Artikolu 562 tal-Kap 12**, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah*."

"**B. <u>APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-PROVI</u>**

"Illi a bazi ta' dawn il-principji kollha ormai ben saldati fil-giurisprudenza taghna, u ripetutament ikkonfermati jirrizulta illi l-atturi kienu jghaddu minn passagg jew entratura sabiex jghaddu ghar-raba li huma presentament jokkupaw maghrufa bhala "tas- Santi" fil-limiti tar-Rabat.

"Illi jirrizulta wkoll mill-provi li ghall-habta ta' Settembru 1997, tpoggiet mill-konvenut grada fl-entratura tal-istess passagg kif indikata fid-dokument ossia ritratt immarkat bhala Dok. JRS 7, liema grada la tinghalaq u lanqas tissakkar, però peress li l-istess passagg jintuza wkoll ghall-ingenji, anke mill-atturi, tali grada qeghda tostakola l-access liberu ghall-istess passagg, ghaliex naturalment wiehed ma jistax jghaddi mill-istess passagg liberament, izid jrid necessarjament jieqaf u jiftah l-grada.

"Illi bhala fatt dan bl-ebda mod ma huwa qed jigi ikkontestat mill-konvenut, li qed isostni biss li huwa fin-1994 kien diga ghamel grada ohra minflok dik li kien hemm illum, izda din kienet tnehhiet mill-attur Carmelo Ciantar, tant li kienet saret kawza quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar, u fil-fatt l-istess attur kien gie ikkundannat ihallas l-ispejjes tal-istess grada li kien nehha fl-ammont ta' Lm45 kif jidher mis-sentenza tal-istess Tribunal datata 25 ta' Lulju 1997, u esebita a fol. 75 tal-process.

"Illi mill-istess sentenza però jirrizulta li l-attur Carmelo Ciantar flimkien mal-atturi l-ohra kien ilhom juzaw tali passagg kull meta riedu jidhlu ghar-raba minnhom okkupata u dan kien jaghmlu wkoll permezz ta' ingenji goffi bhal trakk u *baler*, u permezz tal-ewwel grada li giet imwahhla mill-konvenut fin-1994 tali access ghall-istess passagg gie ristrett, kemm ghaliex certi ingenji ma setghux jghaddu, u kif ukoll ghaliex fejn qabel tali access kien liberu, bl-istess grada wiehed irid bil-fors jieqaf sabiex jinzel u jiftah l-istess grada. Kien ghalhekk li l-attur Carmelo Ciantar nehha l-istess grada, u minhabba li ha l-ligi b'idejh, minflok ghamel rikors lejn il-Qorti, (kif invece l-atturi qed jaghmlu illum) huwa gie ikkundannat mill-istess Tribunal bis-sentenza fuq citata sabiex ihallas l-ispejjez tal-istess grada.

"Illi però il-kwistjoni ma waqfitx hawn ghaliex il-konvenut rega' ghamel grada ikbar fl-istess post jew kwazi fl-istess post f'Settembru tan-1997, cioè f'inqas minn xahrejn mis-sentenza fuq citata tal-25 ta' Lulju 1997 tal-istess Tribunal, u din id-darba l-atturi ma agixxewx billi hadu l-ligi b'idejhom, izda billi ghamlu din il-kawza l-Qorti, kif sew gie indikat lilhom fis-sentenza citata, u dan huwa il-mod korrett ghaliex b'rispett lejn r-*rule of law* hadd ma ghandu jiehu l-ligi b'idejh, u fl-istess waqt din l-azzjoni ta' spoll, certament ta' ordni pubbliku, hija wkoll intiza sabiex tipproteggi il-pussess ta' liema xorta jkun, b'dan li min ma jirrispettax l-istess stat ta' fatt, ikun ikkundannat sabiex jerga jqieghed kollox fl-istat pristinu tieghu, precedenti ghall-att spoliattiv.

"Illi fil-fatt huwa car, li f'dan il-kuntest, il-ligi tramite id-disposizzjonijiet tal-ispoll, titratta, kif ghandha taghmel, ma kulhadd l-istess, b'dan li jekk persuna thoss li d-drittijiet taghha qed jigu pregudikati b'atti *altrui*, is-soluzzjoni ghall-istess hija rikors lejn il-Qrati, u mhux billi wiehed jiehu il-ligi b'idejh.

"Illi dan applikat ghall-kaz odjern, ifisser li jekk il-konvenut ihoss li l-atturi qed jilledu id-drittijiet tieghu, bl-uzu tal-istess access, ghandu jaghmel rikors lill-Qrati kif jidher li già ghamel, u jistenna l-esitu tal-istess, u mhux jiehu l-ligi

b'idejh, kif jidher li ttenta jaghmel, tant li saret din il-kawza kontra tieghu a bazi tal-artikoli appositi ta' spoll skond il-**Kapijiet 12 u 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

"Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistax jigu accettati stante illi:-

(a) Fl-ewwel lok l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta, ghaliex din saret entro t-terminu ta' xahrejn kif jirrizulta car mill-affidavit ta' Stephen Vassallo tat-13 ta' Ottubru 1999 a fol. 69 tal-process, fejn sostna illi "*ghall-habta ta' nofs Settembru tan-1997, (il-konvenut) kien qabbad lil certu Carol Calleja u lili sabiex nergghu naghmlu il-grada f'postha wara xi ftit riparazzjonijiet u modifiki li hemm bzonn*", u peress li l-kawza giet presentata fil-11 ta' Novembru 1997, mela allura din saret fit-terminu stabilit fil-ligi.

(b) Fit-tieni lok l-argument illi din kienet l-istess xatba li kien hemm fin-1994, u li tnehhiet mill-attur Carmelo Ciantar, u li kienet il-meritu tad-decizjoni tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar deciza fil-25 ta' Lulju 1997, ma tregghiex stante li fl-ewwel lok ma kienitx l-istess xatba, kif jidher mill-istess affidavit fuq indikat, u kif ukoll hemm qbil bejn ix-xhieda kollha prodotti, li din ix-xatba mertu tal-kawza odjerna, hija ta' dimensjonijiet ikbar. Fil-fatt dak li pprova jaghmel il-konvenut, kien li jkabbar ix-xatba sabiex minghalih jikkonforma ruhhu mas-sentenza fuq citata, billi b'tali wiesgha iktar tal-istess grada ikunu jistghu jghaddu l-ingenji goffi tal-atturi. Illi però il-fatt huwa li tali sentenza qatt ma qalet li l-istess konvenut kellhu dritt jaghmel xatba ikbar, izda kull ma qalet kien biss li l-konvenut ghandhu jhallas tal-hsara li ghamel fl-istess xatba li qala' meta ha l-ligi b'idejh. Mill-bqija l-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet fuq già esawrjentament indikati minnha, li juru li din il-kawza ma hijiex kontinwazzjoni ta' xi kawza ohra, izda ibbazata *sic et simpliciter* fuq il-fatti li graw f'Settembru 1997, u logikament ma jistax ikun mod iehor.

Illi fl-ahhar nett il-Qorti trid tirrileva li ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-avukat difensur tas-socjetà konvenuta

illi sabiex tirnexxi kwalunkwe azzjoni ta' spoll, il-presenza tal-intenzjoni li tispolja hija indispensabbli.

(c) Illi l-ispoll gie kommess billi twahhlet grada f'nofs Settembru 1997 li irrestringiet l-access tal-atturi mill-istess passagg, u billi din twahhlet minghajr il-kunsens tal-istess atturi, bil-konsegwenza li l-atturi ma ghandhomx izjed access liberu ghall-istess passagg minhabba l-istess grada, u kull darba iridu jaccedu mill-istess, iridu jwaqqfu l-ingenji taghhom jinzlu u jifthu l-istess grada, meta qabel ma kienx hemm bzonn li jaghmlu dan. Dan huwa altru minn bizzejjed sabiex jinghad li l-atturi gew imfixkla mill-access li kellhom.

(d) Illi l-argument li din il-grada kienet sostituzzjoni ta' grada ohra li saret fin-1994, apparti dak premess, ma jreggiex, stante li l-ewwel grada tnehhiet fin-1994 jew 1995, u tali passagg kien ilu bla grada min-1995, sakemm f'Settembru 1997 tqeghdet il-grada mertu tal-kawza odjerna, ukoll minghajr il-kunsens tal-istess atturi.

"Illi dwar l-intenzjoni tal-konvenut li ghamel l-istess grada il-Qorti tirreferi gha-sentenza tal-Qorti tal-Appell, "**Il-Prokuratur Legali Anthony Buhagiar vs Mikiel Farrugia**" (11-11-1997), fejn inghad illi:-

"*Il-ligi taghna hija, a differenza ta' ligijiet ohra kontinentali, tali li tittutela l-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-prova li l-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala 'animo spoliandi'.*"

"Ghall-grazzja tal-argument u bla pregudizzju ghall-fatt li l-att innifsu huwa turija cara tal-intendiment u l-*animus* ta' min esegwih, u ma ghandux bzonn ebda spjegazzjoni ulterjuri, la darba tali fatt in ezami serva sabiex ostakola l-liberu access u naqqas il-pussess li l-atturi kellhom ghall-istess passagg *de quo*, l-att fih innifsu huwa sufficjenti u kwalunkwe motiv iehor huwa superflu ghall-azzjoni giudizzjarja ta' spoll. Dan gie riaffermat fis-sentenza "**Fino & Sons Limited vs Marketing & Consultancy Limited**" (RCP 1 ta' Lulju 1999).

"Illi ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha pienament, peress li gew konsistentement ippruvati, u l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu michuda."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi tigi revokata u mhassra s-sentenza appellata u illi jigu michuda u respinti t-talbiet kollha attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-atturi appellati illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi konfermata s-sentenza appellata u illi, ghalhekk, jincahad l-appell tal-konvenut appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi wiehed mill-aggravji tal-konvenut appellant kontra s-sentenza appellata huwa illi, ghalkemm l-ewwel Qorti enuncjat tajjeb il-principju illi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll l-att spoljattiv irid ikun arbitrarju u maghmul kontra l-volontà tal-pussessur, fi kliem ir-rikors ta' appell:
"… saret applikazzjoni indebita u skorretta ta' l-istess rekwiziti legali, ghall-fatti u cirkostanzi tal-kaz de quo, liema applikazzjoni skorretta wasslet l-ewwel Onorabbli Qorti ghal decizjoni ftit spjegabbli li ma tirrispekkjax il-principji esposti fis-sentenza taghha stess …";

Illi l-konvenut avanza aggravji ohra kontra s-sentenza appellata. Però dawn l-aggravji l-ohra ma humiex ser jissemmew f'dan l-istadju peress illi, jekk l-aggravju riportat fil-paragrafu ta' qabel dan huwa fondat, ma jkunx hemm lok illi jigu trattati l-aggravji l-ohra;

Ikkunsidrat:

Illi dwar l-att illi bih l-atturi jallegaw illi gew spoljati, l-ewwel Qorti qalet hekk (pagna 15 tas-sentenza appellata):
"Illi l-ispoll gie kommess billi twahhlet grada f'nofs Settembru 1997 li tirrestringi l-access tal-atturi mill-istess passagg, u billi din twahhlet minghajr il-kunsens tal-istess atturi …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Illi l-konvenut appellant ma jikkontestax il-fatt illi f'Settembru 1997 huwa wahhal - jew, biex wiehed ikun aktar preciz, inkariga lil min iwahhal - il-grada - jew ahjar xatba - in kwistjoni. Dak illi jikkontesta l-konvenut huwa illi huwa wahhal din ix-xatba minghajr il-kunsens ta' l-atturi. Infatti, fil-paragrafu enumerat 2(c) tar-rikors ta' appell il-konvenut issottometta dan li gej (fol. 143):
"… illi ma jistax jifhem kif … l-ewwel Onorabbli Qorti qatt setghet tasal ghall-konkluzjoni illi x-xatba li tqieghdet mill-istess esponenti fl-entratura de quo u li tifforma l-mertu tal-proceduri odjerni, tqieghdet b'mod klandestin u vjolenti, meta l-esponenti stess kien ghamel minn kollox sabiex jottempera ruhu max-xewqat ta' l-appellati, kif espressi fl-imsemmija proceduri quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar, fis-sens illi x-xatba ta' l-1994 tigi estiza u mwessa' sabiex huma jkunu jistghu jghaddu facilment bl-ingenji goffi taghhom."

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-provi prodotti jikkonfortaw din is-sottomissjoni ta' l-appellant. Jirrizulta, infatti, illi meta l-attur Carmelo sive Charles Ciantar kien qed jixhed fil-kors tal-proceduri hawn fuq imsemmija quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar fis-sebgha ta' Frar, 1997 (kopja legali tad-depozizzjoni relativa hija esibita a fol. 97 sa 100 tal-process odjern), fost affarijiet ohra, qal hekk b'riferenza ghax-xatba illi fi Frar, 1994 il-konvenut kien pogga fl-istess post fejn tinsab dik attwali:
"Wara, sibt lill-attur [il-konvenut attwali] u ghidtlu:- 'Ara, Sur Scicluna, aghmel dik il-gate; lilna ma ddejjaqniex sakemm ma tkunx imsakkra, però wessaghha'." (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Jirrizulta ukoll bhala mhux kontestat bejn il-kontendenti illi x-xatba illi ghamel il-konvenut appellant, meritu tal-kawza odjerna, ma tissakkarx u hija cirka metru aktar wiesa'

minn dik illi tpoggiet fi Frar, 1994. Inoltre, meta l-istess attur Carmelo Ciantar kien qed jigi kontroezaminat - b'riferenza partikolari ghal dak illi kien xehed, kif hawn fuq imsemmi u citat, quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar - fil-kors tal-proceduri odjerni quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar, 2000, kien hemm dan l-iskambju bejn l-avukat difensur tal-konvenut attwali u bejn l-istess Carmelo Ciantar:

*Avukat*:
Wara dik il-bicca xoghol ghedtilna 'ghadda xi zmien u sibt gate mhux imsakkra'. Imbaghad iktar l-isfel ghedtlu 'ara Sur Scicluna aghmel dik il-gate, lilna ma ddejjaqniex sakemm ma tkunx imsakkra, però wassaha'. Fil-fatt din il-gate li qed insemmu li mhiex il-gate li hemm illum, qed insemmu l-gate ta' qabel l-incident, meta tnehhiet u tkaxkret xi tlett mitt pied 'l hemm. Dik qatt kienet imsakkra?

*Xhud*:
Le qatt ma kienet imsakkra.

*Avukat*:
U l-problema li tqajmet jekk jien qed nifhem ix-xhieda tieghek sew, <u>il-problema li tqajmet kienet fuq il-wisgha taghha</u>?
*Xhud*:
<u>Fuq il-wisgha iva</u>. (sottolinear ta' dina l-Qorti)

Ikkunsidrat:

Illi, ghalhekk, jirrizulta car illi, kuntrarjament ghal dak illi kkonkludiet l-ewwel Qorti, ix-xatba in kwistjoni, mhux talli ma tpoggietx fejn tpoggiet u twessghat b'mod arbitrarju u kontra l-volontà ta' l-atturi, talli hekk tpoggiet u twessghat sabiex takkomoda lill-atturi;

Illi, konsegwentement, l-aggravju in ezami tal-konvenut appellant huwa fondat. Inoltre, la darba jonqos l-element tal-vjolenza jew tal-klandestinità kontemplat mill-artikolu 535(1) tal-Kodici Civili, ma jirrizultax pruvat illi gie kommess l-ispoll lamentat mill-atturi. Ghalhekk, it-tieni

(2) eccezzjoni tal-konvenut ghandha tintlaqa' u t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda;

Illi, la darba, kif ghadu kemm inghad, l-ewwel aggravju tal-konvenut huwa fondat, ma hemmx lok illi jigu trattati l-aggravji l-ohra tal-istess konvenut;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tilqghu fis-sens illi tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' t-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenut appellant u tichad it-talbiet ta' l-atturi;

Tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza, kemm ta' l-ewwel u kemm ta' din l-istanza, jigu sopportati mill-atturi appellati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------